**Kunsill Lokali L-Imġarr**

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
mgarr.lc@gov.mt - ***www.mgarrlc.com***

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imġarr**

**Is-Seba' Leġislatura, Laqgħa numru 51**

**nhar it-Tnejn, 19 ta' Diċembru 2016, fis-7:00pm**

Il-Kunsill Lokali ta' l-Imġarr ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f' 22, Triq Sir Harry Luke, l-Imġarr, issejjaħ sabiex jiltaqa' għall-Laqgħa tal-Kunsill numru 51 tas-Seba' Leġislatura, nhar it-Tnejn 19 ta' Diċemmbru 2016, fis-7:00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**
Paul Vella - Sindku
Eman Vella - Deputat Sindku
Clayton Gauci - Kunsillier
Mario Sammut - Kunsillier
Elia Borg - Kunsillier

**ASSENTI B' APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**
Hadd

**ASSENTI**
Hadd

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**
Cyprian Dalli - Segretarju Eżekuttiv

**PUBBLIKU**
Hadd

**---- MINUTI -----**

Il-laqgħa bdiet fis-7:06pm.

Is-Sindku Paul Vella ippresjeda l-laqgħa.

Il-laqgħa xxandret dirett fuq il-paġna elettronika tal-Kunsill permezz tal-live-streaming.

**51.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

51.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija x' jinqraw peress li l-membri tal-Kunsill kienu kollha preżenti.

**51.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.**

51.2.1 Il-Minuti li ġew mibgħuta lill-membri tal-Kunsill minn qabel, u għaldaqstant ġew meqjusa moqrija u ġew approvati kif ippreżentati u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

**51.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

51.3.1 Is-Sindku informa li kienu tħawwlu numru ta' siġar fil-masġar ta' Darrenzi fil-bidu ta' Diċembru. L-għażla tas-siġar saret minn Prof. Louis F. Cassar tal-Universita' ta' Malta.

51.3.2 Is-Sindku fakkar li fis-16 ta' Diċembru 2016 kienet infetħet l-eżibizzjoni artistika fil-bini amministrattiv tal-Kunsill. Din il-wirja ser tibqa' miftuħ sa' Jannar 2017. Fil-ftuħ, saret bibita għal dawk preżenti.

**51.4 Korrispondenza**

51.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill iċ-Ċirkolari tal-Majjistral Action Group dwar l-elezzjoni tal-Bord. Il-Kunsill iddiskuta in-nomina tiegħu għal dan il-Bord. Is-Sindku ippropona lil Eman Vella, u Clayton Gauci ssekonda. Eman Vella aċċetta din in-nomina.

51.4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv informa wkoll li kien irċieva email mingħand is-Sinjorina Anna Vella mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali nhar il-15 ta' Diċembru fejn fiha ġie nfurmat li id-Dipartiment kien qed jgħaddi €40,786.66 fil-kont tal-bank tal-Kunsill bħala l-aħħar pagament tal-proġett tal-PPP għall-għoti ta' wiċċ ġdid lit-toroq (Triq l-Amarozz, Triq l-Aruna u Triq il-Karamelli). B' hekk dan il-proġett huwa finalment konkluż.

**51.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

51.5.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet tal-Kunsillieri.

**51.6 Rapporti**

51.6.1 Ma kienx hemm rapporti.

**51.7 Temi oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**

51.7.1 Ma kienx hemm l-ebda' punt dwar dan f' din il-laqgħa.

**51.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti**

51.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill Lokali l-iskeda tal-pagamenti numru 14/2016, li kienet tammonta għal €15,523.55.

51.8.2 Il-Kunsill approva unanimament il-ħlasijiet ta' din l-iskeda.

**51.9 Mozzjonijiet**

51.9.1 Ma ġewx ippreżentati mozzjonijiet għal din il-laqgħa.

**51.10 Budget Finanzjarju 2017**

51.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li flimkien mal-Accountant tal-Kunsill, is-Sur Daniel Galea, kien qed jaħdem fuq il-finanzi u l-pjan ta' ħidma tal-Kunsill għall-2017.

51.10.2 Is-Segretarju Eżekuttiv semma kif il-budget għall-2017 kien ġie ppreżentat pubblikament waqt il-Laqgħa tal-Kommunita' li kienet saret eżatt qabel din il-laqgħa tal-Kunsill.

51.10.2 Fil-ġimgħat li ġejjin, il-budget u l-estimi finanzjarji ser jiġu konklużi sabiex jiġi approvat mill-Kunsill.

**51.11 Bord ta' Evalwazzjoni u kompetenzi oħra għas-sejħa tal-offerti MGR -1/2016**

51.11.1 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar li is-sejħa għall-offerti MGR 01/2016 (Servizz ta' ġbir ta' skart) kienet tagħlaq fil-11 ta' Jannar 2017. Għalhekk kien hemm bżonn li jitqassmu ir-rwoli u l-kompetenzi sabiex dawn l-offerti ikunu jistgħu jinfteħu u jiġu evalwati meta jsir il-waqt.

51.11.2 Il-Kunsill, wara diskussjoni, qabel unanimament li ir-rwoli jkun maqsumin hekk :

**Ftuħ tal-Offerti**
Natasha Cassar - ufficċjal għall-ftuħ tal-offerti
Dorianne Farrugia - uffiċjal għall-ftuħ tal-offerti

**Bord tal-Evalwazzjoni**
Paul Vella - Evalwatur
Eman Vella - Evalwatur
Elia Borg - Evalwatur
Mario Sammut - Segretarju tal-Bord
Cyprian Dalli - Koordinatur

**51.12 Approvazzjoni tal-Performance Bonus tal-istaff tal-Kunsill u s-Segretarju Eżekuttiv għas-sena 2016**

51.12.1 Il-Kunsill għadda biex japprova il-Performance Bonus tal-istaff u tas-Segretarju Eżekuttiv għas-sena 2016.

51.12.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq iż-żewġ dokumment ta' Appraisal tal-istaff. Il-Kunsill approva li kemm l-istaff (Natasha Cassar u Dorianne Farrugia) kif ukoll is-Segretarju Eżekuttiv jingħataw l-għola rata ta' bonus, jiġifieri 6% u 10% rispettivament.

51.12.3 Is-Segretarju Eżekuttiv irringrazzjak lill-Kunsill kif ukoll lill-istaff, fejn semma li matul din l-aħħar sena inħass aktar sens ta' kooperazzjoni li waslet għall-aktar effiċjenza u riżultati aħjar.

**51.13 Tmiem tal-laqħa u data tal-Laqgħa li jmiss**

51.13.1 Il-Laqgħa ntemmet fit-8:03pm.

51.13.2 Il-Laqgħa li jmiss issejjħet għat-Tnejn, 23 ta' Jannar 2017, fil-5:30pm, fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' l-Imġarr.

*Paul Vella*
***Sindku***

*Cyprian Dalli*
***Segretarju Eżekuttiv***